# Kunsill Lokali Safi,

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru wieħed u erbgħin (41) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS), li nżammet nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru, 2009, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Briffa | Skrivana |

1. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Id-DSE qara l-**minuti tas-seduta** preċedenti, sarulhom il-korrezzjonijiet li kien jinħtieġ u dawn ġew approvati u ffirmati.

3. Fil-**laqgħa li kellu l-KLĦS ma' l-Ispettur Portelli,** ingħad li matul dawn l-aħħar jiem, fil-ġnien quddiem il-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, fi Triq il-Menqa, dehru żewġ żgħażagħ suspettużi li se jkunu rrappurtati lill-Pulizija.

4. Kunsillier qajjem il-każ ta' **trakk abbandunat** ta' lewn safrani li jinsab fi Triq in-Nassaba li ilu jokkupa spazju fit-triq madwar sentejn. Hu qal li dwar dan xi ħadd irid jieħu passi għaliex issa għadda ħafna żmien u jidher li kien injorat mill-awtoritajiet.

5. Kunsillier ieħor qajjem ukoll l-irregolarita' fi Triq il-Kuċċard minn stabbiliment billi dan ħareġ saħansitra l-**imwejjed, s-siġġijiet u umbrella kbira barra** fit-triq mingħajr l-awtorita' ta' ħadd.

6. Intant iż-**żgħażagħ li kienu vvandalizzaw żewġ reċipjenti ta' l-iskart**, issa ħallsu €70 kull wieħed wara li nqabdu u ġew hekk mitluba jagħmlu dan.

7. Fis-6.35pm is-Sinjura Doris Damato, kerrejja, u s-Sinjura Katie Cutajar (sid) ingħataw konċessjoni sabiex jitkellmu fil-laqgħa tal-Kunsill dwar il-każ ta' **għadira kbira li żżomm l-ilma qudiem il-bankina** u li l-kunsillieri wara l-laqgħa preċedenti kienu marru jaraw. Il-kunsillieri qablu mas-Sindku li l-bankina qiegħda skond il-liġi u m'għandiex għalfejn terġa' tinqala' u tinbidel. Doris Damato kellha kliem dispreġjattiv fil-konfront tal-Kunsill. Il-Kunsill ippropona illi jgħolli r-rampa għas-spejjeż tiegħu u jerġa' jagħmilha kif suppost biex tiġi eliminata l-problema tal-ilma, dejjem bil-kunsens tas-sid. Is-sid, Katie Cutajar, aċċettat li titranġa r-rampa. Iżda qabel ma jsir dan, se nitkellmu mas-sidien tal-*garages* ħalli ma noħolqux inkonvenjent bla bżonn billi wkoll nitolbuhom sabiex ma jagħmlux użu tar-rampa tal-*garage* għal diversi ħin.

8. Issemmiet parti oħra tal-**bankina mkissra** f'dawn l-inħawi li se nagħmlula manutenzjoni minkejja li mhix fir-responsabbilita' tagħna. Il-każ kien konkluż sas-6:45pm.

9. L-aħħar żviluppi li kien hemm dwar ir-restawr tan-**niċċa ta' San Ġużepp**, kien dwar l-iskrizzjoni li jidher li xi darba kienet imwaħħla man-niċċa. Din ingħad li kienet ġiet f'mitt biċċa. Din l-informazzjoni għaddiha l-kunsillier Jerome Busuttil li qiegħed f'kuntatt mar-restawratur. Madankollu se jkun avviċinat is-Sur Pawlu Callus sabiex jagħtina informazzjoni utli dwar l-għamla ta' din l-iskrizzjoni u possibilment il-kelmiet li kien hemm fuqha bħall-indulġenza plenarja ecc.

10. Kien konfermat li l-fornitur tal-*banner* li għadha kemm saret għall-KLĦS, jista' jagħmel ix-xogħol tal-**mappa ta' Ħal Safi** li hemm il-ħsieb li tgħin individwi li ma jkunux mitħla tar-raħal mhux biss biex isiru jafu fejn u bil-postijiet storiċi, iżda wkoll bis-serivizzi utli li jeżistu bħal per eżempju klinika, u/jew spiżerija.

11. Jidher li l-problema ta' **ilma tax-xita qiegħed fil-Karwija** diġa' refgħet rasha minkejja l-ftit xita li kellna dan l-aħħar. Se jkun ivverifikat jekk il-ħofra li tilqa' l-ilma tnaddfitx jew le, u f'każ li hemm in-naqal jimblokka, dan se jitneħħa.

12. Eddie Bonello semma' l-ħtieġa li jinqata' l-**ħaxix ħażin minn taħt il-bankina** fi Triq Ġwann Zammit. Dwar dan se jkunu avviċinati l-ħaddiema tal-Kunsill ħalli jitneħħa u tingħata dehra aktar pulita u nadifa.

13. Il-viċi Sindku kellem lill-Kap ta' l-Iskola dwar l-***alarm*** **tal-iskola/librerija/sala**. Ms Montebello qalet dwar l-inċident li kien hemm dan l-aħħar, illi jidher li s-*system fault* kienet fil-librerija u mhux xi mkien ieħor. Iżda dwar dan għandhom jiġu ċċarati xi punti bħal ngħidu aħna biex ikun stabbilit il-post li fih iddoqq l-istess *alarm* jekk ikun hemm sgass u jew ħruq fl-iskola. Se nistaqsu lill-purtinari jekk hemmx *panel* ta' *alarm* oħra fl-iskola separat, u nivverifikaw jekk il-*fault* ikun fis-sala hux se jdoqq dak li hemm fil-librerija. Għaldaqstant il-kunsillieri se jħallsu l-aħħar kont li kien hemm peress li s-sejħa verament kienet saret mill-Kunsill lill-Mascot Ltd, iżda kien deċiż li jekk terġa' tirrepeti l-istorja il-KLĦS ma jħallasx kontijiet oħra.

14. It-**tabelli tat-traffiku** tat-triq *one way* li ssemmew fis-seduta preċedenti kellhom jinqalgħu għaliex issa twaqqa' l-post kollu.

15. L-**appuntament mas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni** l-Onor Chirs Said, issa ingħata għal nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru, 2009 u għal din il-laqgħa se jattendu is-Sindku, Jerome Busuttil u d-DSE ġewwa l-Berġa ta' Kastilja. Fuq l-agenda tad-diskussjoni se jitilgħu is-suġġetti: il-proġett tal-immaniġjar tat-traffiku fl-inħawi tal-*junction* biswit ċ-ċimiterju Madonna ta' Fatima, il-każ ta' l-eks Segretarju u l-inġaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv.

16. Għal darb'oħra kien hemm waqfa fis-7:15pm biex il-Kunsill jisma' l-aħħar żviluppi dwar il-**każ ta' l-eks Segretarju Eżekuttiv**, minn fomm Dr Charmaine Cherret stess. Madankollu il-Kunsill talab l-ideja ta' Dr Cherret dwar l-istekkat li kien inbena diversi snin ilu 'il barra fit-triq, lill-avukata. Ritratti tiegħu kienu murija minn fuq il-*lap top* tas-SE lill-Dr Cherret biex tifhem aħjar x'inhu l-każ. Hija qalet li ġaladarba dan qed jokkupa parti sostanzjali mit-triq, l-individwu jrid iħallas. Madankollu fuq il-kont li ntbgħat b'posta reġistrata, hija qalet li biex tibda' tgħodd il-preskrizzjoni, trid tkun ittra uffiċjali, u mhux sempliċiment kont kif bagħat id-DSE b'posta reġistrata.

17. Kien diskuss il-każ ta' Jason Cutajar. Hija qalet li Cutajar għamel insistenza ma l-avukat tiegħu biex **l-ewwel żewġ klawsoli fuq il-propost ftehim**, minkejja li huma veritieri, jitneħħew, probabbilment ħalli ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet fil-karriera tiegħu. Dr Cherret qalet li minkejja li dawn huma veri, hija ma tarax il-ħtieġa tagħhom li jkunu fuq kuntratt pubbliku, għaliex hija qalet li bl-iffirmar ta' dan il-kuntratt, Cutajar prattikament m'huwa se jkollu difiża ta' xejn, in vista li għadu jsostni li jixtieq jidħol jara l-kotba tal-Kunsill. Dr Cherret qalet li wara kollox x'kien hemm bejnietna, m'hu affari ta' ħadd u l-importanti hu li niġbru flusna, għaliex għal pulizija, inneħħu jew ma nneħħux dawn il-paragrafi, xorta jekk hemm dubji se tibqa' tinvestiga.

18. Dwar **l-ipoteka,** Dr Cherret qalet li din se tkun fuq in-nofs ta' l-ammont li għadu dovut. Dan peress li Jason Cutajar se jħallas nofs is-somma mill-ewwel, minkejja li jidher li m'hemmx qbil fuq l-imgħax propost ta' 4%, fuq il-kumplament tas-somma dovuta.

19. Is-Sindku qal li meta kien avviċina lill-Ispettur Cilia dwar il-proposta ta' Jason Cutajar li **jidħol fl-uffiċċju jara l-kotba**, l-ispettur kien ta l-parir biex dan ikun rifjutat u jekk irid, dan jikkontesta bil-qorti dwar dan. Intant is-Sindku qal li hemm ukoll flus l-awdituri/investigaturi li jridu jitħallsu wkoll minn Jason Cutajar,

20. Minkejja dan kollu l-kunsillieri qablu unanimament li l-kuntratt propost ma titneħħielu l-ebda virgola anke **jekk hemm bżonn lil mmorru l-Qorti** u jagħmlilna ċedola u l-flus ikunu depożitati l-Qorti. Reġgħet qamet il-mistoqsija, dwar kemm hemm spejjeż biex tinfetaħ kawża l-qorti, s'intendi quddiem imħallef fil-Prim Awla minħabba l-ammonti eżorbitanti ta' flejjes pubbliċi li hemm dovuti. L-avukata qalet li hija stess trid tistaqsi biex tagħtina risposta definittiva.

21. Intant l-Avukata kienet mitluba biex **nagħmlu l-offerta tagħna bil-miktub** lil Jason Cutajar li għandu jagħtina risposta fi tmien t'ijiem, għaliex il-KLĦS mhux jaqbel li jitneħħew dawn l-ewwel żewġ klawsoli minn fuq il-kuntratt propost. F'każ li ma jkunx hemm qbil, kontra qalbna, se nipproċedu b'kawża fil-qrati ta' Malta. Dr Cherret ħarġet mill-kamra fis-7:45pm.

22. F'dan il-punt daħal ukoll is-Sur George Cassar sid l-istekkat li ssemma' diġa' f'dawn il-minuti. Is-Sindku qal li dan **il-ħajt ħareġ fit-triq b'117-il metru kwadru**. Dan għamlu mingħajr permess tagħna u issa ilu minn Mejju, 2008. Għaldaqstant kellu jintbgħat il-kont kif fil-fatt sar.

23. George Cassar qal li l-liġi tgħid li biex isir ***hoarding wall*** m'hemmx bżonn permess tal-Kunsill u esebixxa dokumentazzjoni meħuda minn L.S. 441.04, Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali, Skeda C (Regolamenti 4,7,8,11, paġna 14) biex jirribatti dak li pprovdejnih aħna li kien anness mall-kont. Hu qal li ġaladarba f'Settembru tal-2008, il-KLĦS talbu ħlas ta' żewġ imirja tat-traffiku biex inaqqas il-periklu u hu kien ħallashom, dan sar bil-barka tal-Kunsill. Il-kunsillieri qalu li dak iż-żmien kulħadd ħaseb li fil-fatt kienet se tinbena r-residenza tal-Marruxa li twaqqgħet minnu.

24. Hu semma' d-**diffikultajiet li għandu mad-Dipartiment ta' l-artijiet** fuq l-iskema tal-bini, infatti din kienet ir-raġuni ewlenija li ma bediex jibni, u agħar minn hemm m'għandu l-ebda data f'moħħu meta l-problema se tkun solvuta u jibda' jibni. Madankollu George qal li hu kien ġab *surveyor* u dan kien tah parir biex il-ħajt jitpoġġa taħt il-bankina. Din il-ħaġa kienet ribattuta mill-kunsillieri għaliex f'dan id-djuq, la kien hemm, u lanqas jista' jkun hemm, bankina.

25. George Cassar qal li hu lest li jaqla' l-ħajt u jerġa jibnih 'il ġewwa u mbagħad jerġa' jagħmlu 'l barra hekk kif ikun se jibni, għaliex qal li l-liġi tobbligah li jagħmel *culvert* taħt il-bankina biex minnu jgħaddu is-servizzi (utilities) bħat-telefon, cable tv ecc. Madankollu hu għandu jieħu parir għax **mhux lest li jħallas €273 (LM117) kull ġurnata**. Dak iż-żmien hu qal li l-ħajt kien swielu €3,261 (LM1,400) u biex jagħmel kif propost, dan l-ammont se jkun irduppjat, dejjem jekk l-ispejjeż baqgħu l-istess, minkejja li l-verita hija li l-ġebel jista' jerġa jintuża.

26. Il-kunsillieri qalu li l-KLĦS kellu jiżbgħu biex jonqos il-periklu u dan ikun jidher. Madankollu xorta għad hemm il-periklu għaliex issemma **inċident li seħħ f'din il-kantuniera** li seta' kellu konsegwenzi serji. Għaldaqstant, il-KLĦS jippretendi li minn għada 'l hemm jibda' jsir il-ħlas tat-teħid ta' din l-art li hu ċar minn tarmac li hemm maqbud fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ħajt li jidher mix-xatba tax-xibka.

27. Hawn intqal li fil-fatt is-Sur George Cassar fil-fatt, **diġa' kien ammetta li hemm il-periklu** għaliex meta kien hekk mitlub, qabad u ħallas għall-imirja tat-traffiku, minkejja li hu qed jgħid li ħareġ 'il barra biss metru biex ikun jista' jsir dan il-culvert.

28. Proposta tal-Viċi sindku kienet li **l-ħajt isir tax-xibka**, flok knaten, ħalli minnu wieħed jintebaħ b'vettura ġejja fuqu.

29. Meta kien mitlub xi prezz kien lest iħallas, hu wieġeb **€4.66 (Lm2) kull ġurnata,** liema talba ma kienetx milqugħa mill-Kunsill għaliex hi ferm 'il bogħod milli fil-fatt dan hu obbligat iħallas. Madankollu is-Sindku qal li l-Kunsill irid risposta sal-ġimgħa d-dieħla. George Cassar ħareġ mill-kamra fit-20.25pm.

30. Kienet diskussa l-**ħsara fuq vettura** li ssemmiet fis-seduta preċedenti tort tal-kuntrattur Polidano Bros, li l-Kunsill ikkummissjona biex jagħmillu *extensive patching* f'April, 2009. Il-kont biex issewwiet il-ħsara mix-xufier li issa qed jitlob refużjoni mill-KLĦS, kien mibgħut lil din il-kumpanija kif deċiż minn dan il-Kunsill. Is-Sindku kellem ukoll lill-Perit Cachia tal-kuntrattur li kien inkarigat minn dawn ix-xogħlijiet.

31. Wara li kienet intlaqgħet il-**proposta tal-*Head Coach*** biex max-xibka tan-*Nursery* teħel tabella, u din kienet intlaqgħet, mhux hekk nistgħu ngħidu għal proposta oħra biex jinbidel il-ħin tat-taħriġ. Din il-proposta saret mill-ġenituri tat-tfal li ġejjin mir-raħal taż-Żurrieq u li qed jitħarrġu fin-n*ursery* tagħna biex ilaħħqu mas-sezzjonijiet tagħhom tal-MUSEUM. Din il-proposta hija inaċċettabbli għaliex li kellha tiġi milqugħa t-tfal ta' Ħal Safi, lanqas jibqgħalhom ċans jieħdu bela' te x'ħin jiġu mill-iskola.

32. Francis Callus ippreżenta diversi mudelli ta' **ġeneraturi ta' l-elettriku** lill-KLĦS. Huwa qal li l-parir li ħa, kien li dan ma jkunx inqas minn 5 KVA biex jaqdi l-ħtiġijiet tagħna. Stimi pprovduti minn Attrans Commercial jirriżultaw li huma għoljin ħafna. Madankollu dak ta' 5.5KVA ta' Gaetano Caruana għal wieħed petrol li jiswa €620 u ieħor jaħdem bid-diesel ta' 7KVA li jiswa' €835, huma ta' min jikkunsidrahom. Hawn il-Kunsill qabel li jmur għal wieħed jaħdem bid-diesel għaliex hu aktar 'reliable' minn wieħed petrol anke f'każ ta' maltemp, minbarra li hu aktar ekonomiku.

33. Kienu diskussi **proposti ħinijiet ġodda tal-ftuħ tal-librerija pubblika** biex fil-għodu jagħmlu użu minnha t-tfal ta' l-iskola. Dawn, permezz tal-Kap ta' l-Iskola, talbu ġranet u ħinijiet addattati biex bħas-sena l-oħra l-qari u tiftix min fuq il-kotba għall-proġetti tagħhom, jidħlu parti mill-*curriculum* ta' l-iskola fuq skeda magħmula apposta.

34. Inġiebet għad-diskussjoni talba li saret uffiċjalment mill-Kap ta' l-Iskola, biex **l-iskola ta' Ħal Safi tissieħeb f'Eco Skola**. Il-KLĦS se jħallas il-miżata ta' €12 biex ikun hemm tisħib għal sena oħra u jagħti eżempju b'inizjattivi relatati ma ambjent aħjar, nadif u fuq kollox inissel kuxjenza dwar separar ta' skart, riċiklaġġ u irkupru.

35. Talba oħra li wkoll ġiet milqugħa kienet dik ta' *GM Productions* fejn f'serata apposta nhar it-3 ta' Novembru, 2009 tal-**Miss Malta,** is-Sinjorina Jennifer Busuttil (minn Ħal Safi) se tingħata *token* mill-KLĦS biex ikun ta' nkoraġġiment fuq kollox li tiġbor fondi għal nies inqas ixxurtjati minnha; li hija wkoll waħda

mir-regoli ta' dan il-kuntest. Dan it-token se jingħata *f'reception* f'lukanda ewlenija.

**36.** Colleen Mauney stiednet lil Kunsilli Lokali biex flimkien ma nies oħra kompetenti jagħtu **taħditiet bl-ingliż lill-anzjani** fid-Day Centre. Din l-istedina se titwassal lil Connie Bonnett, li hija nkarigata mill-immaniġjar tad-Day Centre ta' Ħal Safi, fejn il-KLĦS se jinkoraġġixxi lilha biex xi ġurnata nhar ta' Erbgħa, meta jiltaqgħu dawn l-anzjani, din il-laqgħa soċjali tkun tista' sseħħ. Intant is-Sindku qal li aktar kmieni matul il-jum, hu ħa l-inkarigu jilqa' t-talba f'isem il-KLĦS biex jitħallsu €100 mill-fondi tal-Kunsill biex flimkien ma €100 oħra minn naħa ta' l-anzjani, **jingħata platt għaġin f'għeluq it-tliet snin mill-ftuħ ta' dan id-Day Centre f'Ħal Safi.**

37. Se nerġgħu infakkru lil *Maltacom plc* dwar is-**sett tat-telefon antik** li ninħtieġu biex jitpoġġa fil-kabina tat-telefon li se tinżamm biswit l-għassa tal-pulizija biex tkun ta' attrazzjoni ta' l-era vittorjana. Dan il-fatt issemma' meta nqrat l-ittra fejn l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta issa taw l-approvazzjoni ta' kabina aktar moderna f'sit ieħor viċin. Intant se nagħmlu talba dwar id-devoluzzjoni (handing over) tal-kabina tat-telefon l-antika.

38. Reġa' qam il-każ ta' **nuqqas ta' nfurzar** kemm mill-Gwardjani Lokali kif ukoll mill-Pulizija, biex tinżamm l-ordni fi Triq iż-Żurrieq u ma jibqgħux jabbużaw xufiera li jwebbsu rashom u jgħaddu *wrong way*. Din hija xi ħaġa li issa ilha tinkwieta lill-Kunsill mhux ftit - qabel iseħħ xi inċident. Kien innotat li għall-istess ittra li ktibna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex f'Ħal Safi jkun hawn aktar attenzjoni mill-istess pulizija, ingħatajna żewġ *acknowledgements* iffirmati mill-istess persuna maħruġa f'dati separati.

39. Dwar il-**kont pendenti tal-kisi bit-tarmak** ta' Isqaq tal-Karwija, kienu approvati €7,000, (jiġifieri nofs l-€14,000 li għad fadal pendenti fuq dawn ix-xogħlijiet) biex jingħataw lill-kuntrattur Polidano Bros, hekk kif tidħol l-allokazzjoni finanzjarja tal-Gvern Ċentrali għall-perjodu Ottubru-Diċembru, 2009. Intant tressaq il-kont ta' €1,301.00 ta' pompa bi *switch* awtomatiku li nxtrat minn sid l-għalqa, li kien ta l-kelma lill-KLĦS li se jieħu l-ilma tax-xita ta' dawn l-inħawi kollu hu, biex dan l-isqaq ma jegħreqx u fuq kollox ma jinqalgħax mill-ġdid bil-gliegel ta' ilma li jkunu għaddejjin minnu.

40. Tresqet proposta biex ikunu mmarkati ***parking bays* fi Triq San Ġorġ**. Dwar dan is-sit intqal li hemm fejn jidħlu tliet parkeġġi.

41. Kienet **approvata l-*Payment Approval Sheet*** numru 33.

42. Il-laqgħa ntemmet fil-10.00pm u l-Kunsill se jiltaqa' nhar il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 2009.

Magħmula minn Anthony Bonello illum 29 ta' Ottubru, 2009 u approvati minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku